DEĊIZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Ġunju 2012

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/5 li tistabbilixxi r-Regoli dwar l-Akkwisti

(BĊE/2012/10)

(2012/367/UE)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew [1], u partikolarment l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Il-limiti għall-proċeduri pubbliċi ta' sejħa għall-offerti stabbiliti fid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [2] inbidlu bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1251/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti tal-applikazzjoni tagħhom għall-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti [3].

(2) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), għalkemm mhuwiex suġġett għal Direttiva 2004/18/KE, għandu l-ħsieb li japplika l-istess limiti għall-proċeduri pubbliċi ta' sejħa għall-offerti tiegħu.

(3) Id-Deċiżjoni BĊE/2007/5 tat-3 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi r-Regoli dwar l-Akkwisti [4] għandha għalhekk tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi

L-Artikolu 4(3) tad-Decizjoni BCE/2007/5 huwa mibdul b'dan li gej:

"3. Il-limiti li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) EUR 200 000 għal kuntratti għal provvisti u għal servizzi;

(b) EUR 5 000 000 għal kuntratti ta' xogħlijiet.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Din id-Deċizjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2012.

2. Proċeduri ta' sejħa għall-offerti mibdijin qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni għandhom jintemmu skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni BĊE/2007/5 fis-seħħ fid-data meta bdiet il-proċedura ta' sejħa għall-offerti. Għall–finijiet ta' din id-dispożizzjoni, proċedura ta' sejħa għall-offerti hija meqjusa li tibda fid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt intbagħat lil *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew, f'każijiet fejn ebda avviż ma huwa meħtieġ, fid-data li fiha l-BĊE stieden lil fornitur wieħed jew bosta sabiex jissottomettu offerta.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-19 ta' Ġunju 2012.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

[1] ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33.
[2] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
[3] ĠU L 319, 2.12.2011, p. 43.
[4] ĠU L 184, 14.7.2007, p. 34.